MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2006

Rikors Numru. 35/2005

**Mohannid Sogr Garzadin**

***Versus***

**L-Onorevoli Prim'Ministru, l-Avukat Ġenerali tar-Repubblika, il-Kummissarju tal-Pulizija u l-Uffiċjal Ewlieni ta' l-Immigrazzjoni**

F'din il-kawża r-rikorrent qiegħed jitlob rimedju għax igħid illi nkisru l-jeddijiet fondamentali tiegħu mħarsa taħt l-artt. 32 u 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta ["il-Kostituzzjoni"] u l-artt. 1, 8, 13 u 14 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali [" il-Konvenzjoni" ].

Ir-rikors tat-13 ta' Ġunju 2005 li bih inbdew dawn il-proċeduri jgħid illi r-rikorrent kien ġie Malta fit-23 ta' Ġunju 2003 u kien joqgħod mal-bqija tal-membri tal-familja tiegħu li lkoll joqogħdu hawn Malta. Ir-rikorrent huwa missier il-minuri Yasmine Garzadin, li għandha nazzjonalità maltija u mwielda minn omm maltija.

B'deċiżjoni mogħtija mill-Bord ta' l-Appell dwar l-Immigrazzjoni fis-26 ta' Mejju 2005, kienet ordnata t-tneħħija tar-rikorrent minn Malta. Jekk din l-ordni titwettaq, ir-rikorrent ser ikun imċaħħad milli jgawdi l-jeddijiet tiegħu ta' missier fil-kuntest tal-ħajja tal-familja. Dik l-ordni, għalhekk, tikser il-jedd tiegħu għat-tgawdija tal-ħajja familjari tiegħu mħares taħt l-art. 8 tal-Konvenzjoni u l-art. 32(*ċ*) tal-Kostituzzjoni. Tikser ukoll l-art. 45 tal-Kostituzzjoni u l-artt. 1, 13 u 14 tal-Konvenzjoni dwar l-obbligi pożitivi ta' l-istat, ħarsien minn diskrimin-azzjoni u l-jedd għal rimedju domestiku effettiv.

L-art. 4(1)(*g*) ta' l-Att dwar l-Immigrazzjoni [Kap. 217] jgħid hekk:

**4.** (1) Id-disposizzjonijiet tat-Taqsima IV ta' dan l-Att[1] ma japplikawx għal kull persuna -

… … …

(*g*) li tkun il-konjuġi ta' persuna msemmija f'wieħed mill-paragrafi ta' qabel dan u tkun għadha miżżewġa u tgħix ma' dik il-persuna;

Il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem dwar dan kienet qalet, fil-każ ta' **Beharrib kontra l-Olanda** illi:

it follows from the concept of family on which art. 8 is based that a child born out of such a union is *ipso iure* part of that relationship; hence from the moment of the child's birth and by the very fact of it, there exists between him and his parents a bond amounting to family life, even if the parents are then not living together.

Fost l-obbligi pożittivi u negattivi ta' l-istat hemm id-dmir illi l-istat għandu:

to ensure that family life between parents and children can continue after divorce, and to refrain from measures which cause family ties to rupture.

Ir-rikorrent għalhekk talab illi din il-qorti tagħtih dawk ir-rimedji li jidhrulha xierqa sabiex tara li jitwettqu l-jeddijiet fondamentali tiegħu mħarsa taħt l-artt. 1, 3, 8, 13 u 14 tal-Konvenzjoni billi, fost oħrajn:

1. tgħid illi d-deċiżjonijiet meħuda mill-intimati u l-awtoritajiet tal-gvern jiksru l-jeddijiet tar-rikorrent; u
2. tagħti lir-rikorrent kumpens taħt l-artikoli relevanti tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni.

[1] Dwar Immigranti Projbiti.

L-intimati wieġbu fl-24 t'Ottubru 2005.

Fis-seduta ta' l-14 ta' Diċembru 2005 il-partijiet qablu illi l-intimati onorevoli Prim'Ministru u l-Avukat Ġenerali ma humiex kontraditturi leġittimi u għalhekk għandhom jinħarġu mill-kawża.

Il-fatti relevanti li wasslu għal din il-kawża seħħew hekk:

Ir-rikorrent għandu lil missieru u lil tlieta minn ħutu illi joqogħdu regolarment hawn Malta. Fit-23 ta' Ġunju 2003 r-rikorrent ukoll ġie Malta u mad-dħul ingħata permess illi joqgħod Malta għal tlitt ijiem, sakemm dan il-permess ma jiġġeddidx. Tħalla jibqa' Malta, ukoll wara li għaddew tlitt ijiem, sakemm l-Uffiċjal Ewlieni ta' l-Immigrazzjoni jqis it-talba tiegħu għat-tiġdid tal-permess u fil-fatt fit-23 ta' Settembru 2003 iġġeddidlu l-permess b'seħħ sat-12 t'Ottubru 2003.

F'dan iż-żmien iltaqa' ma' mara maltija li telqet lil żewġha u marret toqgħod miegħu. Minn din ir-relazzjoni kellhom tarbija, Yasmine, li twieldet fil-25 ta' Lulju 2005, u llum qegħdin jistennew tarbija oħra.

Ġara iżda illi r-rikorrent ma ħax ħsieb jitlob lill-Uffiċjal Ewlieni ta' l-Immigrazzjoni jerġa' jġeddidlu l-permess wara li dan għalaq fit-12 ta' Ottubru 2003, u għalhekk wara dik id-data r-rikorrent ġie li qiegħed joqgħod Malta bla permess u kien jitqies bħala Immigrant Projbit taħt l-art. 5 tal-Kap. 217. Il-Bord ta' l-Appelli dwar l-Immigrazzjoni fuq talba ta' l-Uffiċjal Ewlieni ta' l-Immigrazzjoni ħareġ ordni ta' tneħħija kontrieh taħt l-art. 14(1) ta' l-istess Kap. 217.

Ir-rikorrent qiegħed igħid illi, ladarba hu għandu l-familja tiegħu f'Malta, jekk titwettaq l-ordni hu jinfired mill-familja u għalhekk jinkiser il-jedd tiegħu għall-ħarsien tal-ħajja tal-familja mħares taħt l-art. 8 tal-Konvenzjoni:

ARTIKOLU 8

(1) Kulħadd għandu d-dritt għar-rispett tal-ħajja privata tiegħu u tal-familja tiegħu, ta' daru u tal-korrispondenza tiegħu.

(2) Ma għandux ikun hemm indħil minn awtorità pubblika dwar l-eżerċizzju ta' dan id-dritt ħlief dak li jkun skond il-liġi u li jkun meħtieġ f'soċjetà demokratika fl-interessi tas-sigurtà nazzjonali, sigurtà pubblika jew il-ġid ekonomiku tal-pajjiż, biex jiġi evitat id-diżordni jew l-egħmil ta' delitti, għall-protezzjoni tas-saħħa jew tal-

morali, jew għall-protezzjoni tad-drittijiet u libertajiet ta' ħaddieħor.

Il-fatt illi persuna jkollha familja f'Malta u għalhekk għandha jedd għall-ħarsien tal-ħajja tal-familja ma jfissirx illi dik il-persuna hija meħlusa milli tħares id-dispożizzjonijiet tal-liġi dwar l-immigrazzjoni, għax l-art. 8 stess jagħti lill-istat is-setgħa illi jirregola dan il-jedd b'liġi sabiex iħares *inter alia* "l-interessi tas-sigurtà nazzjonali, sigurtà pubblika jew il-ġid ekonomiku tal-pajjiż".

Fil-każ tallum ma kien hemm xejn li jżomm lir-rikorrent milli, qabel it-12 t'Ottubru 2003, jagħmel talba biex jiġġeddidlu l-permess li joqgħod Malta. Il-permess x'aktarx kien jingħatalu ladarba juri illi, fin-nuqqas, kienet tbati l-ħajja tal-familja tiegħu, iżda dan ma jeħilsux mill-obbligu li jagħmel dak li trid il-liġi biex jingħata l-permess, għax id-deċiżjoni jekk jinħariġx jew le l-permess ma hijiex imħollija f'idejn l-immigrant, ukoll jekk dan għandu ħajja tal-familja f'Malta, iżda hija mħollija f'idejn l-Uffiċjal Ewlieni ta' l-Immigrazzjoni taħt il-liġi.

Għalhekk, id-deċiżjoni li tinħareġ ordni ta' tneħħija ttieħdet biex titħares il-liġi, u kienet meħtieġa biex titħares il-liġi. Kien ir-rikorrenti li kiser il-liġi, meta ma għamilx dak li kien meħtieġ biex jiġġeddidlu l-permess wara t-12 t'Ottubru 2003, u mhux l-awtoritajiet, li għamlu dak li trid il-liġi wara illi r-rikorrent kiser il-liġi. Dak illi kellu jagħmel ir-rikorrent biex jiġġedidlu l-permess ma kienx xi ħaġa hekk oneruża illi effettivament iċċaħħddu mit-tgawdija tal-jeddijiet tiegħu; kienet biss ħaġa raġonevolment meħtieġa biex jitwettqu d-dispożizzjonijiet ta' liġi magħmula biex jitħarsu dawk l-interessi leġittimi illi l-art. 8 tal-Konvenzjoni jagħti lill-istat is-setgħa li jħares b'liġi.

Billi għalhekk fil-fehma tal-qorti dan l-episodju kien provokat mhux min-nuqqas ta' l-intimati li jħarsu l-jeddijiet fondamentai tar-rikorrent, iżda min-nuqqas tar-rikorrent stess illi jħares id-dispożizzjonijiet ta' liġi leġittima, it-talbiet tar-rikorrent għal rimedju taħt l-art. 8 tal-Konvenzjoni ma jistgħux jintlaqgħu. Id-dispożizzjonijiet l-oħra tal-Konvenzjoni u tal-Kostituzzjoni illi jistrieħ fuqhom ir-rikorrent huma kollha aċċessorji għall jedd ewlieni taħt l-art. 8 tal-Konvenzjoni, u għalhekk, ladarba ma hemmx ksur ta' l-artikolu ewlieni, ma hux meħtieġ illi jingħata rimedju taħt l-artikoli l-oħra.

Il-qorti għalhekk wara li teħles lill-intimati onorevoli Prim'Ministru u Avukat Ġenerali mill-ħarsien tal-ġudizzju, tiċħad it-talbiet magħmula fir-rikors u tikkundanna lir-rikorrent iħallas l-ispejjeż kollha tal-kawża.

Fl-aħħarnett il-qorti jidhrilha illi għandha tgħid illi, fil-waqt illi l-intimati mxew sew u għamlu dak li kellhom jagħmlu biex jaraw illi titħares il-liġi, il-każ tar-rikorrent — ħlief għan-nuqqasijiet tiegħu msemmija fuq — jidher wieħed ġenwin li jistħoqqlu illi jitqies favorevolment. Għalhekk tagħmel rakkomandazzjoni lill-intimat Uffiċjal Ewlieni ta' l-Immigrazzjoni illi jqis favorevolment it-talba tar-rikorrent illi jitħalla jidħol u joqgħod Malta wara li jkun sar dak kollu li trid il-liġi. Din hija biss rakkomandazzjoni tal-qorti li ma torbotx lill-intimati li f'idejhom hija mħollija d-deċiżjoni taħt il-liġi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------